Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, il-21 ta' Marzu 2024**

**Kump. Nru. 202/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Versus**

**David Sasay**
**(K.I. Germaniza L77H83X5N0)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **David Sasay**, detentur tal-karta ta' identita' Germaniza bin-numru L77H83X5N0;

Akkuzat talli nhar it-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha w ghoxrin (2024), f'xi hin bejn il-hamsa (05:00) u s-sitta ta' filghodu (06:00), gewwa Triq Glormu Cassar, il-Belt Valletta, u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin :

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' **Josephine Cuschieri Camilleri**,

2. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

3. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna ta' **Josephine Cuschieri Camilleri** sabiex jinġurjha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lil din il-

persuna jew lil ħaddieħor, kemm il-darba dan il-fatt ma jkunx jaqa′ taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali.

U f′isem ir-Repubblika ta′ Malta nakkużaw lil **DAVID SASAY**, talli nhar it-tnax (12) ta′ Marzu tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u fil-ġranet, fix-xhur u fis-snin ta′ qabel, ġewwa l-Belt Valletta, u/jew bnadi oħra f′dawn il-Gżejjer Maltin b′diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u liema atti ġew magħmula b′riżoluzzjoni waħda talli:

4. Għex ħajja ta′ għażż u ta′ vagabundaġġ;

5. U aktar talli meta ma kellu ebda xorta ta′ beni, u ma kellux mezzi oħra biex jgħix, ma pruvax ifittex, li jaħdem xi arti jew sengħa jew li jagħmel xi ħaġa;

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta′ **Josephine Cuschieri Camilleri** billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta′ protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta′ trattament u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta′ Malta;

F′każ ta′ ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-artikoli 15A u/jew 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;
F′każ ta′ ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-parti leża;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2024, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 18, 31, 214, 215, 216, 338(i)(w), 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-**imputat David Sasay hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal tnax-il xahar (12) prigunerija effettiva.**

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati David Sasay taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna necessarja rigward l-problema tieghu t'abbuz t'alkohol, u ghajnuna ohra li jistgha jkollu bzonn l-hati, liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **tnax-il xahar (12) millum** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha, u tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi dik l-assistenza kollha meħtieġa lill-ħati sabiex din l-ordni ta' trattament tkun tista' tiġi segwita u imwettqa mill-istess ħati b'suċċess.

Fid-dawl tal-fatt li l-ħati huwa maħkum mill-vizzju tal-abbuż ta' l-alkohol, il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex matul il-perjodu li fih il-ħati sejjer ikun residenti fl-istess Faċilita' jara li l-istess ħati jingħata l-għajnuna meħtieġa u l-possibilita' sabiex huwa jkun jista jibda' u jispiċċa programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuż mill-alkohol.

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-hati **David Sasay b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **sena (1)** mid-data li jiskonta l-piena karcerarja tieghu, ghall-**protezzjoni ta' Josephine Cuschieri Camilleri.** Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Josephine Cuschieri Camilleri ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lill-imputat **David Sasay** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mid-data li jiskonta l-piena karcerarja tieghu,** u dan billi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jingurjax lill-*parte civile*.

Illi fil-kaz odjern ma gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat